32000R1356

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1356/2000

tas-27 ta' Ġunju 2000

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1474/95 li jiftaħ u jipprovdi għall-amministrazzjoni tal-kwoti ta' tariffi fis-settur tal-bajd u għall-albumina tal-bajd

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1095/96 tat-18 ta' Ġunju 1996 dwar l-implimentazzjoni tal-konċessjonijiet stabbiliti fl-Iskeda *CXL* mħejjija fl-għelm tal-konklużjoni tan-negozjati *GATT XXIV*.6 [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 1 tiegħu,

Billi:

(1) Fil-qafas ta' l-Għaqda Dinjija tal-Kummerċ, il-Komunità intrabtet sabiex tiftaħ kwoti ta' tariffi għal ċerti prodotti fis-settur tal-bajd u għall-albumina tal-bajd. Bħala riżultat ta' dan, regoli ddettaljati għall-applikazzjoni ta' dawk il-kwoti mill-1 ta' Lulju 2000 għandhom ikunu stabbiliti

(2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1474/95 [2], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 1323/1999 [3], jipprovdi għall-amministrazzjoni ta' dawk il-kwoti għall-perjodu 1 ta' Lulju 1999 sat-30 ta' Ġunju 2000. Dispożizzjoni għandha ssir għall-amministrazzjoni tagħhom mill-1 ta' Lulju 2000.

(3) Il-miżuri li hemm provvediment dwarhom f'dan ir-Regolament huma bi qbil mal-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għal-Laħam tat-Tjur u l-Bajd,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 1474/95 huwa emendat kif ġej:

1. L-Artikolu 1 hu mibdul b'dan li ġej:

   "*Artikolu 1*

   Il-kwoti ta' tariffi ta' l-importazzjoni elenkati fl-Anness I huma miftuħa ta' kull sena għall-gruppi tal-prodotti u permezz tal-kondizzjoniijiet indikati fihom."

2. L-Anness I hu mibdul bl-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-ġurnata tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Għandu japplika mill-1 ta' Lulju 2000.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u applikabbli direttament fl-iStati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fis-27 ta' Ġunju 2000.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru tal-Kummissjoni

[1] ĠU L 146, ta' l-20.6.96, p. 1.
[2] ĠU L 145, tad-29.6.95, p. 19.
[3] ĠU L 157, ta' l-24.6.99, p. 29.

ANNESS

"ANNESS I

(tunnellati)

Numru tal-grupp:	Kodiċi NM	Dazju applikabbli, EUR/tunnellatapiż tal-prodott	Kwoti tat-tariffa mill-2000
E 1	0407 00 30	152	135 000
E 2	0408 11 80	711	
	0408 19 81	310	7 000 (1)
	0408 19 89	331	
	0408 91 80	687	
	0408 99 80	176	
E 3	3502 11 90	617	15 500 (1)
	3502 19 90	83	

(1) Ekwivalenti għall-qoxra tal-bajd. Kambju bi qbil mar-rati tal-produzzjoni kif stabbiliti fl-Anness 77 tar-Regolemnt tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93 (ĠU L 253, tal-11.10.1993, p. 1)."